# STATWA ANTIKA TAL-ĠEBEL TA' SAN ĠUŻEPP FIS-SAGRISTIJA TAS-SANTWARJU



LEJN l-aħħar ta' Ottubru tas-sena li għaddiet, 1999, bil-ħidma ta' diversi Fratelli ġiet imtella' mill-kannirja li tinsab taħt is-Santwarju ta' San Ġużepp Inkurunat, statwa antika tal-ġebel ta' San Ġużepp bil-Bambin f'idejh. Dan sar fuq parir tal-Prof. Arturo Bocchini meta żar is-Santwarju għall-ewwel darba fl-1992

Din l-istatwa x'aktarx tas-seklu 18, hija maħduma minn blokka sħiħa tal-ġebla Maltija, apparti ras il-figura ta' San Ġużepp li tinqala' separatament minn mal-bqija ta' l-istess figura. Aktarx li din kienet f'xi niċċa barra fit-triq, peress li fuq il-parti ta' wara tal-figura ta' San Ġużepp huwa lixx, u taħt il-pedestall tagħha hemm toqba li tindika li din l-istatwa aktarx kienet imwaħħla fuq xi mensola tal-ġebel. Fattur ieħor li jagħti x'jifhem li din l-istatwa kienet magħmula għal barra t-triq, huwa l-fatt li hija maħduma goffa u m'hiex irfinuta artistikament. Wisq probabbli wkoll li ġiet maħduma minn xi wieħed delettant.

Iżda jibqa' l-fatt li din attwalment għandha valur bħala statwa antika minquxa fil-ġebla Maltija u kien għalhekk li din ġiet imnaddfa u mqegħdha fis-sagristija tas-Santwarju, ġo niċċa mħaffra fil-ħajt li saret apposta għaliha , biex hekk tkun tista' titgawda.

Dan ix-xogħol sar *gratis* mill-imgħallem is-Sur Laurence Mifsud, li ta' dan nirringrazzjawh. Is-Sur Mifsud huwa membru u konsultur fi ħdan l-Arċikonfraternita ta' San Ġużepp, li taħt is-superviżjoni tiegħu sar dan il-proġett bl-għajnuna ta' diversi Fratelli. Nieħdu din l-opportunita biex nirringrazzjawhom pubblikament.